# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1510

Kaz Nru. 1706

Fil-Kwistjoni Tax-Xoghol

bejn

Arthur Darmanin

u

Mediterranean Diamonds Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Hamis 20 ta' Mejju 2004

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali pemezz ta' ittra datata 17 ta' Settembru 2002 Referenza : MSP/TI/86/2002 biex tigi pprocessata skond il-Provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) ta' l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm hdax-il (11) seduta.

Dan il-kaz gie ttrattatt mit-Tribunal Industrijali flimkien ma zewg kazijiet ohra peress illi t-tliet impjegati kienu jahdmu fl-istess xoghol mal-Kumpanija Mediterranean Daimonds Limited. Illi l-impieg taghhom gie tterminat b'ittra tas-16 ta' Settembru 2002. Ghat-tliet appellanti deher l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici LL.D. Ghall-Kumpanija deher l-Avukat Edward Gatt LL.D.

Is-Sur Arthur Darmanin aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant.

Il-Kumpanija, Mediterranean Diamonds Limited kienet rapprezentata mis-Sur Vincent Gatt, *Managing Director,* aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta.

Dawn huma t-tliet kazijiet :-

| | |
|---|---|
| Kaz Nru. 1705 Carmelo D'Amato<br>Referenza : MSP/TI/86/2002. | Ittra tal-Ministru 17 ta' Settembru 2002 |
| Kaz Nru. 1706 Arthur Darmanin<br>Referenza : MSP/TI/87/2002. | Ittra tal-Ministru 17 ta' Settembru 2002 |
| Kaz Nru. 1707 Joseph Schembri<br>Referenza : MSP/TI/88/2002. | Ittra tal-Ministru 17 ta' Settembru 2002 |

**Stqarrijiet tal-Kaz**

L-appellant jghid illi kien ilu mpjegat mill-10 ta' Marzu 1980 bhala *jeweller*, haddiem tal-*precision metal* u jibieh mill-hwienet tal-*Jewellery.* Fis-16 ta' Settembru 2002 l-impieg tieghu gie tterminat, bl-iskuza ta' "prevailing market situation". Illi t-terminazzjoni ma kienetx iggustifikata w skond il-ligi (a) la mill-"prevailing market situation" u (b) ghaliex inzammu fl-impieg impjegati ohrajn li ma ghandhomx snin ta' servizz daqsu.

Is-socjeta tghid illi l-appellant kien impjegat mas-socjeta fil-1 ta' Jannar 1996 bhala *Jeweller.* Illi mat-trapass taz-zmien id-dirigenti tas-socjeta kienu qed javzaw lill-appellanti li ftit ftit is-sengha taghhom kienet sfortunatament qed tispicca minn Malta u dana peress li minhabba zviluppi fis-sistema tal-hlasijiet tad-dazji u hlasijiet ohra konnessi, ix-xoghol mahdum hawn Malta, kien qed jispicca ghola fil-prezz minn dak li jigi mmpurtat minn barra. Illi jinghad ukoll li x-xoghol ta' "diamond polishing" li kien jaghmel l-appellant kien beda jispicca.

Illi gara li x-xoghol li s-socjeta kellha ghall-appellant spicca kompletament b'mod u manjiera illi s-socjeta bdiet taghti lill-appellant *duties* ohra sabiex dejjem wiehed jipprova johloq xoghol ghall-appellant.

Illi s-socjeta kellha bilfors tittermina l-impieg tal-"jewellers" li hija kellha jahdmu maghha. Illi l-unika mpjegati li ghad fadlilha s-socjeta, fl-ewwel lok jaghmlu xoghol differenti minn dak ta' l-appellant, peress li dawn huma *sales girls/administrators* u fit-tieni lok ma jregix l-argument ta' l-appellant li dahal qabel il-haddiema li ghadhom jahdmu mas-socjeta.

**Xhieda**

Xehdu is-segwenti Sinjuri:

Vincent Gatt, *Managing Director,* Edwin Mallia, *rapprizentant ta' l-ETC,* Lea Caffari, *desk officer mal-Malta Financial Services Authority,* Miriam Milenkovic, *shop administrator,* Patricia Borg, *impjegata*, Carmelo D'Amato, *appellant,* Arthur Darmanin, *appellant,* Joseph Schembri, *appellant,* Felix Bianco, *impjegat* u Raymond Brincat, *deliverer.*

Is-Sur Vincent Gatt, *Managing Director,* xehed illi s-socjeta bdiet topera fl-ahhar tas-sena 1995. Illi l-tliet appellanti kienu haddiema tieghu mpjegati bhala *Diamond Polishers,* inizjalment kienu Carmelo D'Amato, Arthur Darmanin u Joseph Schembri. Appena gie introdott il-V.A.T. ix-xoghol tad-*Diamond Polishing* spicca. Ix-xoghol kien jikkonsisti billi kien jigi d-djamant *rough* minn barra jinqatgha u jigi polixxjat. Kien jigi bhala *raw material* li ma kienx jithallas dazju fuqu dak iz-zmien. Appena spicca dan ix-xoghol is-Sur V. Gatt beda jghati xoghol alternattiv; lill-Carmelo D'Amato, kien ghamlu *Salesman* fil-hanut u jaghmel l-*errands* li kien ikun hemm bhala *Driver.* Lill-Arthur Darmanin ghallmuh jahdem xi haga fuq id-deheb kien jissajzja c-criekett u lill-Joseph Schembri ghamlu *Receptionist* u *Salesman* fl-istess hanut. Gara li x-xoghol baqa' jaqa' lura.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk ix-xoghol tat-tliet appellanti kienx l-istess, ix-xhud qal li Carmelo D'Amato kien *Supervisor* taghhom. Qal ukoll illi damu jaghmlu l-ahhar xoghol mis-sena 1997 sal-2000 meta waqqafhom. Qabel ma waqaf id-*Diamond Polishing* kien hemm ukoll Patricia Borg li kienet *Diamond Polisher* imma skond l-istess Managing Director, huwa kien poggijha fil-hanut is-*Savoy* u inghatat ix-xoghol kollu bhala *Administration.* Kien hemm ukoll Miriam Milenkovic li kienet l-istess, ittihom ix-xoghol fiz-zmien li l-appellanti kienu *Diamond Polishers,* tiehu hsieb il-hanut u taghmel ix-xoghol ta' l-*Administration* kollu.

Is-Sur Edwin J. Mallia, *Senior Executive E.T.C.* xehed illi t-tliet appellanti Carmelo D'Amato, Arthur Darmanin u Joseph Schembri skond id-dokumenti jidher li bdew mas-socjeta mill-1 ta' Jannar 1996 u spiccaw fl-10 ta' Novembru 2002. Spiega wkoll illi hemm dokument li juri li Joseph Schembri kien beda mas-socjeta Mediterranean Diamonds fis-17 ta' Novembru 1987 u spicca fl-ahhar ta' Dicembru 1995. Id-dokumenti esebiti ta' l-E.T.C. juru li z-zewg appellanti l-ohra Carmelo D' Amato u Arthur Darmanin kienu bdew jahdmu mas-socjeta mill-10 ta' Marzu 1980. Minn intervent li sar lix-xhud mid-difensur tas-socjeta irrizulta illi l-E.T.C. ma ghamlux distinzjoni bejn meta s-socjeta kienet Mediterranean Diamonds ghal meta saret Mediterranean Diamonds Limited.

Ms. Miriam Milenkovic xehdet illi bdiet tahdem mas-socjeta mis-sena 1995 spiegat fiex jikkonsisti x-xoghol taghha billi tipprepara x-xoghol li jsir bl-idejn, tirregistra x-xoghol li jigi lura kemm deheb u kemm djamenti, tiehu hsieb il-kontijiet kollha li kien ikollhom, tipprepara l-pagi, taghmel *stock-taking*, iddahal ix-xoghol gdid li jkun sar fil-*computer* u tipprepara l-affarijiet ta' *accounts* u *invoices*. Ix-xhud qalet li li x-xoghol li qed taghmel hi, l-appellanti qatt ma ghamluh; Arthur Darmanin kien beda jippolixja c-criekett u jissajzjahom, ikabbar u jcekken ic-criekett; Joseph Schembri kien jiehu hsieb is-*sales* u kaxxier u Carmelo D'Amato kien bhala d*eliveryman*. Qalet illi qabel dan ix-xoghol l-appellanti kienu jippolixjaw id-djamanti liema xoghol ix-xhud tghid kien isir minnhom qabel is-sena 1996. Is-socjeta saret "Limited" fis-sena 1992.

Ms. Patricia Borg xehdet illi bdiet tahdem mas-socjeta mis-sena 1995. Ix-xoghol taghha jikkonsisti fl-*iStock-Taking*, *Sales*, tipprepara s-*sales* lill-*Accountant*, tikteb l-i*stock* fuq l-

*Stock Book*, *Cash* u li ghandha klijenti li jmorru ghalija, tiehu hsiebhom bhala *sales* u timmaniggja l-hanut tal-Belt. Mistoqsija jekk xi hadd mit-tliet appellanti qattx kienu jaghmluh huma dan ix-xoghol qalet li hadd minnhom ma qatt ghamel dan ix-xoghol. Qalet ukoll li lehqet lill-appellanti jaghmlu x-xoghol ta' Diamond Polishing u wara kienu jaghmlu xoghol iehor. Mistoqsija x'kienet taghmel qabel qalet li kienet tahdem fil-*Polishing* ma' Mr. Vincent Gatt. Qalet lil meta il-kumpanija saret "Limited" kienet informata izda ma iffirmat xejn.

Is-Sur Felix Bianco fix-xhieda tieghu qal illi kien imur ghand diversi persuni u jghatihom ix-xoghol tad-deheb biex jissajzaw ic-criekett. Xehed li kien imur bil-karozza jwassal lill-impjegata fil-hanut tal-Belt, jissettja d-djamanti u jippolixxja c-criekett ukoll. Qal li dan ix-xoghol ilu ma jaghmlu minn Awissu 2003. Mistoqsi min kien jaghmlu l-qadi w dawn ix-xogholijiet, qal li rigward qadi kien jaghmlu Charles D'Amato. Kienu jaghmluh dan ix-xoghol ukoll Raymond Brincat, kien jissettja d-djamanti u Arthur Darmanin kien jghamel il-*polishing* tac-criekett. Felix Bianco xehed illi qabel ma kienx ikun hemm dejjem xoghol ghalieh u s-Sur Gatt kien jibghatu l-*Farm House* tieghu jaghmel affarijiet ohra li jkun hemm bzonn. Mistoqsi min ghallmu jippolixxja u min qed jaghmel ix-xoghol issa, qal li Arthur Darmanin ghallmu jippolixxja u bhal issa x-xoghol ta' *polishing* u *setting* qed jaghmluh persuni ohrajn li jahdmu barra, ghand Frankie Buttigieg. Mistoqsi meta spicca dan ix-xoghol minflok is-Sur Gatt waqqafhom u x'taghhom jaghmlu qal li s-Sur Gatt kien qassamhom fuq xoghol iehor.

Is-Sur Raymond Brincat qal li bhalissa jahdem mas-socjeta bhala *Deliveryman* u *Repairs*. Repairs tal-*white goods*, *water despensers*, *washing machines* u *twin-tabs*. Ilu jaghmel dan ix-xoghol minn Novembru 2001. Barra minn dan ix-xoghol jaghmel xoghol ta' *Plating* ghas-socjeta. Ix-xhud qal li sar jaf li mbidel l-isem ta' min kien jimpiegah, sentejn wara li saret kumpanija, kien staqsa lis-Sur Vincent Gatt dwar is-*seniority* u qallu li ghalihom ma tghoddx. Kien fehem li zammew is-*seniority* li kellhom; mieghu kien hemm Arthur Darmanin. Li l-Mediterranean Diamonds saret kumpanija kien jaf mill-ewwel li ma kienx jaf kien fuq is-*seniority*. Mistoqsi x'kien ix-xoghol tieghu mal-

Mediterranean Damonds qal li kien ta' Ingastatur u xoghol ta' polixxjar u jaqtaw id-djamanti.

Is-Sur Charles D'Amato jghid fix-xhieda tieghu illi kien ilu jahdem ma Mediterranean Diamonds ghal kwazi erba u ghoxrin sena, kien *Supervisor* u kien Direttur tal-Kumpanija "Mediterranean Diamonds Limited" skond dokument pprezentat u mmarkat "CD2" ta' *The Commercial Partnerships Ordinance*, 1962 datat 21 ta' Marzu 1995 b'sehh mit-3 ta' Dicembru 1994 fejn spicca minn Direttur fit-30 ta' Awissu 2002. Xogholu kien li jiftah u jghalaq il-hanut u kellu r-responsabbilta mill-*alarm* sew bin-nhar kif ukoll bil-lejl. Kien jahdem fil-hwienet, jaghmel il-qadi u jaqta' d-djamanti. Kien ibieh fil-hwienet, jaghmel qadi tal-kumpanija w xoghol ta' *polishing* li kien ikun difficli, l-istess kien jaghmel Arthur Darmanin. Kien is-Sur V. Gatt li kien avvicinah biex imur jahdem mieghu meta kien jahdem ma' kumpanija ohra. Jghid li *Jeweller* qatt ma hadem.

Is-Sur Arthur Darmanin xehed illi fis-sena 1976 kien avvicinah is-Sur Vincent Gatt meta kien jahdem ma' kumpanija Maltija tad-Djamanti u talbu jekk iridx jahdem ma' kumpanija Belgjana bhala *Instructor* fis-sengha tal-qtuh tad-djamanti. Dam erba' snin u wara li din il-kumpanija spiccat is-Sur V. Gatt rega talbu jekk irridx imur jahdem mal-kumpanija Mediterranean Diamonds li kellu sehem minnha, ix-xoghol kien ta' *Diamond Cutter*. Beda fit-13 ta' Marzu 1980. Fin-1986 spicca mill-qtuh tad-djamanti u nghata x-xoghol ta' *Polisher* fuq id-deheb, kien ukoll jigbor il-flus u l-ordnijiet tax-xoghol minghand il-klijenti, jaghmel il-qadi tal-banek u tad-Dwana u xoghol iehor fid-dar tal-familja tas-Sur Gatt.

Waqt ix-xhieda tieghu is-Sur Arthur Darmanin qal li s-Sur Vincent Gatt kien xehed li l-kumpanija kienet bidlet l-isem taghha fis-sena 1996. L-appellant kien sar jaf b'dan permezz ta' ittra li kien ircieva minghand is-Sur Vincent Gatt. Qal li qatt ma rcieva *notice of termination* l-anqas thallas kif suppost. Kien staqsa lis-Sur Gatt dwar is-*seniority* fejn kien wiegbu, "illi dik ma tghoddx ghalikom" kien qallu fil-prezenza ta' Raymond Brincat, Joseph Schembri u Miriam Milenkovic. Kien baqa jahdem bhala *polisher*, jaghmel it-tiswijiet, jissajzja c-criekett, jahdem fuq il-*moulds*, jipplejtja d-deheb u kull haga ohra li kien iqabbdu. Ix-xhud ipprezenta dokument ta' l-E.T.C. li hi formola ta' Dikjarazzjoni ta' Tmiem ta' Impieg datata t-2 ta' Jannar 1996 fejn qed jidher li l-appellant spicca minn mal-Mediterranean

Diamonds fil-31 ta' Dicembru 1995. Il-firma tieghu f'din il-formola jghid li hi falza ma hijiex tieghu.

Is-Sur Joseph Schembri xehed illi beda jahdem mas-socjeta fis-17 ta' Novembru 1987 peress li kien ra *advert* fil-gazzetta. Qal li l-istess bhal shabu l-appellanti, il-firma tieghu fuq il-formola ta' l-E.T.C. hija falza u ma hijiex tieghu. Ix-xhud ipprezenta ittra ta' terminazzjoni mix-xoghol datata 16 ta' Settembru 2002 li tghid hekk, "Due to the prevailing market situation, the Company is left with no alternative but to terminate your employment with immediate effect". L-istess ittra rcevew l-appellanti l-ohra. Rigward il-paga qal illi kemm hu kif ukoll l-impjegati kollha kienu jircievu l-paga maqsuma f'zewg partijiet, illi tikkonsisti f'parti li tidher u parti l-ohra li ma tkunx imnizzla, ma tidherx. Il-paga kienet maqsuma hekk, li jidher Lm123.00 li ma jidherx Lm21.50 kull hmistax. Ix-xoghol tieghu fis-sena 1995 wara li waqaf ix-xoghol tad-djamanti kien illi jaghmel xoghol ta' *Salesman*. Kien responsabbli li kif jidhol ghax-xoghol fit-tmienja neqsin kwart kien jiftah is-*safe* li kellu *combination* ta' numri u c-cavetta, kien johrog il-gojjellerija mis-*safe* u jarma l-vetrini tal-hanut wahdu bir-risponsabilta kollha li jgorr post bhal dan. Kien izomm kont regolari tad-*daily sales*. B'zieda ma dan qal li kien jaghmel xoghol mad-Dwana, Posta, Agenziji tal-garr bil-*containers*, Air Malta, il-Groupage Hal-Far u l-Konslu tad-Deheb u l-Fidda. Dan ix-xoghol kien jaghmlu wahdu minghajr ma kellu skorta tal-pulizija jew *security* meta kien ikun hemm valuri ta' eluf kbar ta' Dollari f'djamanti. Mistoqsi mit-Tribunal kemm kien jiehu hin kull xoghol li semma rrisponda li fid-diversi xogholijiet kien ikun darba kull tant zmien.

**Trattazzjonijiet Finali**

L-appellanti fit-Trattazzjoni Finali qalu illi l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi affrontata hija li ghandhom jitqiesu li bdew l-impieg fl-1 ta' Jannar 1996 jew inkella meta fil-fatt bdew l-impieg taghhom tnejn minnhom fin-1980 u l-iehor fis-sena 1987 mal-Mediterranean Diamonds. Is-socjeta qed tghid illi f'certu zmien fl-ahhar tas-sena 1995 l-appellanti

kellhom l-impieg mal-Mediteranean Diamonds tterminat u l-impieg taghhom beda mas-socjeta Mediterranean Diamonds Limited. Isostnu illi s-socjeta Mediterranean Diamonds Limited ma twaqfitx fl-ahhar tan-1995 jew fil-bidu tan-1996 izda twaqfet fis-sena 1992 kif hemm fl-att tal-Kostituzzjoni taghha ta' meta twaqfet u ta' meta giet rregistrata. Sostnew ukoll illi s-socjeta kienet diga tezisti meta s-socjeta qed tghid illi gew assunti mis-socjeta. L-appellanti qatt ma hadu sehem fit-trasferiment taghhom minn mal-Mediterranean Diamonds ghal mal-Mediterranean Diamonds Limited kif ukoll mill-*payslips* esebiti fil-process ma jirrizulta mkien li huma qed jithallsu mill-Mediterranean Diamonds Limited imma biss mill-Mediterranean Diamonds. Dawn il-*payslips* huma sa l-ahhar ta' Settembru 2002. Hemm ukoll illi waqt li t-trasferiment ta' l-appellanti mill-Mediterranean Diamonds ghal Mediterranean Diamonds Limited sar fl-1 ta' Jannar 1996 fil-kaz ta' zewg impjegati, jigifieri Patricia Borg u Miriam Milenkovic, it-trasferiment taghhom mid-dokumenti jirrizulta li sar f'April tan-1995 u allura konvenjentament is-socjeta Mediterranean Diamonds Limited qed tghid li dawn iz-zewg impjegati li zammet fl-impieg, dawk ghandhom *seniority* fl-impieg fil-Mediterranean Diamonds Limited. Dokument esebit tal-4 ta' Jannar 1996 mis-socjeta Mediterranean Diamonds Limited lill-E.T.C. jghid, "This is to inform you that all the employees of Mediterranean Diamonds" "have now been transferred to Mediterranean Diamonds Co Ltd". Iz-zewg impjegati Mary Milenkovic u Patricia Borg bdew fl-impieg mal-Mediterranean Diamonds fil-15 ta' Frar 1988 u fl-1 ta' Gunju 1992 rispettivament, it-tnejn bhala "Diamond Cutters". Jirrizulta illi meta saret il-bidla mill-Mediterranean Diamonds ghal-Mediterranean Diamonds Limited ghamluhom "Sales Assistants".

Ghar-rigward tan-nuqqas ta' bejh skond kif qalet is-socjeta l-appellanti qed isostnu illi ghas-snin 1999, 2000, 2001 u 2002 is-socjeta tghid li kien ta' Lm376,000 ghax hallset il-V.A.T. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi ma' Lm376,000 ghal dawn l-erba snin barra dawn kien hemm Lm557,000 ohra *sales* li fuqhom ma thallsitx V.A.T. L-appellanti isostnu illi ma hux minnu li naqas il-bejh ghax il-figuri juru *sales* ta' kwazi 150% aktar minn dak ddikjarat mis-socjeta. Jidher illi jekk is-socjeta verament kien hemm lok ta' tnaqqis ta' impjegati kellhom jonqsu Borg u Milenkovic.

Is-socjeta fit-Trattazzjoni Finali tghid illi ghandu jigi ssindakat l-iStqarrija tal-Kaz u r-risposta tieghu. Illi ghandu jigi kkunsiderat quddiem it-Tribunal l-ilment ta' *redundancy* u ghalhekk irid jigi ezaminat jekk fil-fatt kienx korrett illi kien hemm sitwazzjoni ta' *redundancy* jew le minn naha tas-socjeta. . L-element ta' ntrojtu imkien fl-iStatement of Case u l-anqas fir-risposta qatt ma ssemma; kien biss fl-ahhar seduta li l-appellant Joseph Schembri li kkwota l-figuri ottenuti u esebiti. Is-socjeta tghid illi kien x'kien l-introjtu jekk ix-xoghol tal-haddiema kien spicca l-kwistjoni ta' l-entrojtu ma ghandiex tippregudika l-kwistjoni ta' *redundancy*.

Dwar dak li konvenjentament l-appellanti dejjem isemmu lil Vincent Gatt bhala *tradename* Mediterranean Diamonds il-hin kollu matul il-kaz inkludewh bhala parti wahda ma' Mediterranean Diamonds Limited. Dan kellu personalita guridika totalment differenti u distinta mill-Mediterranean Diamonds Limited. Huwa nnutili u mhux korrett illi l-perjodu ta' servizz li ghamlu l-appellanti jigi nkluz u korporat mal-perjodu ta' servizz illi ghamlu mas-socjeta li hawn il-kaz fuqha.

Id-decizjoni illi l-appellanti jigu tterminati ma kinitx xi haga felici ghas-socjeta. Forsi l-ikbar zball li sar da parti tas-socjeta kien illi damet wisq ma hadet decizjoni li missha ilha li hadet zmien. Is-sengha ta' *Diamond Polishing* appena dahal il-V.A.T. tnaqqset is-sisa u dwana ma baqax konvenjenti w ekonomikament viabbli llum il-gurnata illi ggib prodott *rough diamond* biex tippolixxjah hawn. L-accenn li sar ghaz-zewg persuni Patricia Borg u Miriam Milenkovic, is-socjeta tghid illi dawn kienu kapaci jaghmlu xoghol ta' *secretarial duties* u *sales*. Illi meta bdew mas-socjeta huma gew introdotti biex jaghmlu dak ix-xoghol propjament ghaliex dak li kienu jaghmlu precedentament kien spicca. Dawn it-tnejn minn nies kienu *computer literate* u allura dak it-tip ta' xoghol setghu jaghmluh. Sfortunatament l-appellanti dan it-tip ta' xoghol ma jafux jaghmluh.

Is-socjeta argumentat illi kienet ilha zmien tissaporti lill-appellanti qabel ma tterminathom; kienet tara fejn tista' tapplikhom. Ghaldaqstant ma hux minnu li jghidu li t-tkeccija kienet ingusta. Is-socjeta kienet ilha zmien tittrazzmettieh dan il-messagg. Dwar dak kollu li

ntqal mill-appellanti fuq il-firem ta' l-E.T.C. li huma foloz ma ghandux forza ghax is-Sur Vincent Gatt accetta u ammetta li l-firem mhux ta' l-appellanti.

Issemmew Raymond Brincat u Felix Bianco illi dawn qalu fix-xhieda taghhom illi s-Sur Vincent Gatt qallhom bit-trasferiment ta' l-isem tal-kumpanija minn *tradename* Mediterranean Daimonds ghal Mediterranean Diamonds Limited tant li kienu jafu sostniet is-socjeta illi xehdu li ma kienux kuntenti u kienu tkellmu mas-Sur Gatt dwar il-kwistjoni tas-*seniority* izda ma kienu ghamlu xejn.

Is-socjeta qalet ukoll illi l-ufficjal ta' l-E.T.C xehed illi huma ghamlu zball meta nkludew fil-lista li pprezentaw ta' l-impjegati bl-isem tas-socjeta Mediterranean Diamonds Limited.

**Kunsiderazzjonijiet**

Kif intqal fil-bidu dan il-kaz tmexxa flimkien maz-zewg kazijiet l-ohra li huma identici sew fl-impieg kif ukoll fl-istess socjeta. Minn dak kollu li ntqal matul is-smiegh tal-kaz u wkoll mid-dokumenti esebiti, liema dokumenti jammontaw ghall-numru konsiderevoli jirrizultaw il-fatti kif ser jinghad: L-impieg ta' l-appellanti beda mas-socjeta fl-1 ta' Jannar 1996 ilkoll fl-istess gurnata u gew tterminati ukoll fl-istess gurnata s-16 ta' Settembru 2002. Il-kaz in sustanza ma bediex u waqaf hawn imma mar oltre lura ghal meta l-appellanti kienu gew impjegati mat-*trade name* Mediterranean Diamonds li kien, Carmelo D'Amato fl-10 ta' Marzu 1980, Arthur Darmanin fl-10 ta' Marzu 1980 u Joseph Schembri fis-17 ta' Novembru 1987. L-appellanti qalu li kien is-Sur Vincent Gatt li kien avvicinhom biex imorru jahdmu mieghu l-ewwel meta kienu, inkluz hu, jahdmu ma' kumpanija barranija u wara meta s-Sur Gatt sar il-propretarju tat-*trade name* Mediterranean Diamonds. Jirrizulta illi fis-17 ta' Jannar 1992 Mediterranean Diamonds Limited giet irregistrata skond il-Company Act. 1995 b'Registation No. C 13490 u saret Mediterranean Diamonds Limited. Gew innotifikati l-E.T.C. b'ittra datata 4 ta' Jannar 1996 li tghid hekk; *"**Re Transfer of Employees** -- This is to inform you that all the employees of Mediterranean*

*Diamonds, Income Tax No. 218746 P.E. No. 966521 of No. 822, St. Joseph High Road, Hamrun have now been transferred to Mediterranean Diamonds Co. Ltd. Income Tax 991328925 and P.E. No. 881851 of the same address. Kindly adjust your records accordingly"*

Is-socjeta sostniet illi l-kaz ta' l-appellanti ma ghandux imur lura ghaz-zmien qabel ma bdew fl-impieg mas-socjeta li huwa l-1 ta' Jannar 1996 ghax il-kaz quddiem it-Tribunal huwa kontra is-socjeta kif jidher mill-okkju. It-Tribunal ried illi jisma' x'kellhom irresqu l-appellanti minhabba illi l-kaz taghhom hu illi gew imkeccija ngustament meta huma ma kienux l-ahhar fl-impieg mas-socjeta. Is-socjeta meta giet originata zammet maghha lill-istess impjegati bl-istess kundizzjonijiet u salarji li kellhom meta kienu jahdmu mat-*trade name* Mediterranean Diamonds. Il-propretarju tat-*trade name* baqa l-istess. Mal-holqien tas-socjeta wiehed mill-appellanti Carmelo D'Amato gie mahtur Direttur tas-socjeta u baqa hekk sat-30 ta' Awissu 2002 skond kif jidher irregistrat fil-Company Act. 1995. Ix-xoghol ta' l-appellanti ta' *Diamond Cutters* u *Polishers* spicca minhabba ragunijiet ta' introduzzjoni tal-V.A.T. li x-xoghol ma baqghax kummercjalment vijabblli. Is-socjeta tghathom xoghol iehor ta' *salesmen*, ta' qadi skond in-necessita. Dan ix-xoghol sar ghal-zmien sa kemm l-appellanti gew imkeccija. L-appellanti matul iz-zmien kollu sew mal-kumpanija kif ukoll mas-socjeta qatt ma kellhom twissijiet u jew rimarki hziena. Wiehed mill-appellanti Charles D'Amato fiz-zmien li kienu mas-socjeta kien Direttur responsabbli mill-*alarm* sew bin-nhar kif ukoll bil-lejl. Jum fost ohrajn kien xoghol fil-hanut tal-Mediterranean Diamonds, Triq ir-Repubblika l-Belt fis-17 ta' Lulju 1998 meta sar attentat ta' serq li bis-sahha ta' l-imsemmi Carmelo D'Amato sfratta kollox u ghal dan l-att l-agenzija ta' l-assigurazzjoni Middle Sea Insurance p.l.c. kitbitlu fl-1 ta' Marzu 1999 fejn irringrazzjatu ta' l-intervent kuragguz tieghu fil-kaz u bhala rikonoxximent taghtu *token money* ta' mitt lira Maltin. Kellu wkoll responsabilta ohra li kull fil-ghodu u fil-ghaxija kien jarma u jzarma id-deheb mill-vetrini. Joseph Schembri kien responsabbli mis-*safe* u mill-*combination* tan-numri w c-cavetta tieghu, kien irid jidhol ghax-xoghol fit-tmiena neqsin kwart kien wara li jiftah is-*safe* johrog il-gojjellerija u jarma l-vetrini tal-hanut wahdu bir-responabbilta kollha li jgorr stabbiliment ta' din in-natura. Wara kien jiftah il-hanut ghall-pubbliku.

Is-socjeta ssostni illi li l-bejh kien naqas sewwa kien fattur illi wassal ghan-nuqqas tax-xoghol li pogga lis-socjeta f'sitwazzjoni li kellha tnaqqas l-impjegati. L-appellanti resqu w pprezentaw dokumenti li juru li l-bejh baqa' konsistenti. Minn-naha taghha is-socjeta tghid illi x-xoghol ta' l-appellanti spicca u ma ghadx ghandha xoghol ghalihom.

Kif jidher mill-korrispondenza li ghaddiet is-socjeta ma' l-E.T.C. l-haddiema kollha gew ittrasferiti ghal mas-socjeta. L-appellanti dahlu fl-impieg mat-*trade name* Mediterranean Diamonds; Carmelo D'Amato fl-10 ta' Marzu 1980, Arthur Darmanin fll-10 ta' Marzu 1980 u Joseph Schembri fis-17 ta' Novembru 1987. Dan juri illi l-appellanti ma humiex l-ahhar fil-lista tas-*seniority*.

It-Tribunal jifhem illi l-appellanti flimkien mal-haddiema l-ohra kollha gew ittrasferiti ghal mas-socjeta u allura s-*seniority* taghhom baqghu igorruha maghhom. Ikkunsidrat dan kollu ma jistghax jigi accettat illi l-appellanti huma l-ahhar fil-lista tas-*seniority*. Ma hux ikkunsidrat sewwa illi meta sar it-trasferiment mit-*trade name* ghas-socjeta l-haddiema ma gewx informati kollettivament jew wiehed wiehed x'inhu ghaddej dwar l-impieg taghhom jew permezz ta' kitba aktar u aktar meta dawn l-impjegati ma kellhomx min jirraprezenthom, *union* jew xi hadd iehor. Kellhom ikunu jafu ufficcjalment u jkunu mghotija l-avviz tat-tmien ta' l-impieg u l-hlasijiet necessarji kif ukoll ittra ta' bidu ta' impieg. Minn dan ma sar xejn. Fix-xhieda ntqal li saru jafu bit-tibdil u meta staqsew lis-Sur Gatt dwar is-*seniority* dan qallhom "dik ma tghodtx ghalikom"

It-Tribunal fic-cirkostanzi ma jistghax jiskarta dak kollu li ghaddew minnu l-appellanti u jhares biss lejn meta bdew mas-socjeta. Gew esebiti l-formoli tat-Tmiem ta' Impieg ta' l-appellanti. Il-firem ma humiex taghhom. Is-Sur V. Gatt xehed illi l-firem ma humiex taghhom. Hu mehtieg illi fil-formola irid jiffirma l-Impjegat flimkien mal-Principal. Dan ma sarx b-dannu ghall-appellanti. Jekk ghal grazzja ta' l-argument jigi accettat li ma kienx b'malentiz zgur li att bhal dan ma jistghax jitqies bhala pass tajjeb. L-appellanti ma kienux jafu x'inhu ghaddej dwarhom u l-futur taghhom.

Il-principal ghandu l-obligu li jzomm lill-haddiema f'cirkostanzi simili nformati sa l-ahhar dettal ghax daqs kemm il-principal ghandu l-piz ta' l-entrapriza l-istess il-haddiema ghandhom il-piz tal-ghajxien u l-futur taghhom.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-iStqarrija tal-Kaz tal-partijiet, sema' x-xhieda prodotta u t-trattazzjoni finali tal-partijiet ra d-dokumenti esebit. Jaqta' u jiddeciedi illi t-tkeccija mill-impieg ta' l-appellant ma kinitx ghar-raguni gusta u sufficjenti. Jara li jkun aktar opportun li jinghata kumpens fis-somma ta' disgha telef u mitejn lira Maltin (Lm9,200) Dan il-kumpens ghandu jithallas mhux izjed tard minn tminn gimghat mid-data tad-decizjoni.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-dritijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**